## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Jeason Michael Angelo Scicluna u Joseph Coppini**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputati Jeason Michael Angelo Scicluna iben Frank u Doris nee Pace u li għandu l-karta tal-identita bin-numru 108991M u Joseph Coppini, iben Anthony u Maria Victoria nee Scicluna, u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 456567M u li ġew mixlija talli fit-08.04.2014 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel fil-ħanut operat bħala boutique bl-isem Xik's Collection, 15, Triq il-Palma, Paola licenzjat fuq l-imsemmi Joseph Coppini u operat minnu u mill-imsemmi Jeason Michael Angelo Scicluna fir-rigward tal-oġġetti offerti għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur fl-imsemmi ħanut, specifikament fil-vetrina ta' dan il-ħanut :

A) Naqsu bi ksur ir-regolament 4 tar-regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont l-att dwar Affarjiet tal-Konsumatur L.S 378.09, li juru permezz ta' mmarkar adatt, jew b' metodi oħra milli jindika b' mod ċar il-prezz ta' l-istess oġġetti;

B) Naqsu bi ksur tar-regolament 5(1) tal-imsemmija L.S 378.09, li jesebixxu b'mod li jidher sew kampjun ta' kull xorta, daqs, tip jew marka tal-oġġetti li jkunu ħażnu, b'tikketta jew b' marka li turi l-prezz li bih dawk l-oġġetti ġew offruti għall-bejgħ;

C) Naqsu, bi ksur tar-regolament 5(2) tal-imsemmija L.S 378.09, li jagħtu u jipprovdu l-indikazzjoni ta' prezz li ma jkunx ambigwu, u li jkun faċilment identifikabbli u jinqara b' mod ċar;

D) Naqsu, bi ksur tar-regolament 5(3) tal-imsemmija L.S 378.09, li indikaw il-prezz b'figura li turi l-prezz fuq dik it-tikketta jew marka stampata b' mod ċar u b'tipi grassi jew xort'oħra indikata bil-miktub.

Il-Qorti ġiet mitluba li kemm il-darba tirrizulta l-ħtija timponi fir-rigward tal-akkuzati multa ai termini tar-regolament 9 tal-L.S 378.09.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat u semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti qiegħda ssib illi għalkemm fid-dokument eżebit CDF2 jidhru xi tikketti bil-prezzijiet, ma jirrizultax li l-oġġetti ossija l-ħwejjeg kollha kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Avviż Legali 283 tat-2002.

Il-Qorti ssibha diffiċli temmen illi b'kumbinazzjoni, kull darba li jinżerta li jagħmel spezzjoni Uffiċjal tad-Dipartiment dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew is-sales girl jew is-sid ikunu għadhom fil-proċess tal-ipprezzar tal-oġġetti.

Il-Qorti tqis din il-verzjoni inverosimili. U tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat ir-regolamenti 4, 5(1), 5(3) tal-Avviz Legali 283 tat-2002 u l-Artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti filwaqt li qed issib lill-imputati mhux ħatja tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberahom minn kull ħtija u piena, qegħda fil-kontemp issib lil imputati ħatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni u tikkundannahom għal multa komplessiva ta' mitejn u ħamsin euro (€250) bejniethom.

**Mogħtija illum il-21 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.***